## ***Facebook Request***

minn Emmanuel Cachia

Hu bagħat talba fuq facebook,
għax riedha tkun ħabiba,
hi kienet kważi daqsu,
tistudja għal tabiba.

Għoġobha, qaltlu iva,
kienu bdew jitkellmu ftit,
hi waqt li qed tistudja,
u sserraħ moħħha trid.

Bil-mod ir-rapport kiber,
tant li aktar saru qrib,
bil-mod hi saret tħobbu,
kien sar aktar minn ħabib.

Kull darba li titolbu,
biex jiltaqgħu għall-kafè,
tarah isib xi skuża,
u jgħidilha dejjem le.

Hi bdiet kważi tiddejjaq,
u tissuspetta fih,
ċar u tond kitbitlu,
aktar m'għandhiex x'tambieh.

B'sorpriża tassew kbira,
ritratt b'messaġġ waslilha,
aħbar qatt mistennija,
ħajjitha li bidlilha,

Hu ma setgħax jimxi,
u fuq siġġu kien idur,
għax darba, m'ilux ħafna,
hu kien ħabat bil-mutur.

Dan biss li kien inikktu,
kien jibża' li jitlifha,
tassew li lilha ħabbha,
li jżommu jkun il-biżgħa.